MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Numru. 139/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**

**VS**

**SEAN ABELA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sean Abela, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 299788 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar l-10 ta` Jannar, 2011, ghall-habta tal-hdax u nofs ta` filghodu (11:30hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa Ix-Xatt ta` Tas-Sliema, minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja ta` haddiehor u cioe` ta` Lee Fenech f'periklu car, ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna tal-istess Lee Fenech, u dan skont kif iccertifikat minn Dr. V. Vella Catalano M.D. (Med. Reg. No. 1931) mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji u/jew theddid fil-konfront tal-istess Lee Fenech;

Kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u storbju;

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghalkemm kien ipproviokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
U finalment akkuzat ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu nhar it-3 ta` Marzu, 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 216, 339 (e), 338 (dd), 28 B (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni kemm tad-Difiza kif ukoll tal-Prosekuzzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Fir-rigward tal-ewwel akkuza dina l-Qorti thoss li ma kienux gew prodotti provi konvincenti bizzejjed mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant fuq din l-akkuza tiddikjara li l-process kien ezawrit minhabba nuqqas ta` provi u ghalhekk minnha tilliberah.

Rigwardanti t-tieni akkuza wkoll ma kienux gew prodotti provi konvincenti bizzejjed sabiex din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta` din l-akkuza u ghalhekk tiddikjara l-process ezawrit minhabba nuqqas ta` provi u tilliberah minn din l-akkuza.

Fir-rigward tat-tielet akkuza dina l-Qorti ssib lill-imputat Sean Abela hati tal-imputazzjonijiet kif prodotti mill-Prosekuzzjoni u tikkundanna lill-imputat Sean Abela taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghal perjodu ta` tlett (3) xhur prigunerija li ghandhom ikunu effettivi biss jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tlett (3) xhur mil-llum.

Fir-rigward tar-raba` akkuza l-Qorti tiddikjara li l-process kien ezawrit minhabba nuqqas ta` provi u ghalhekk minnha tilliberah.

Fir-rigward tal-hames akkuza l-Qorti tiddikjara li l-process kien ezawrit minhabba nuqqas ta` provi u ghalhekk minnha tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------